MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 2401/1996/1

Joseph **GRIMA** u Lynn Żahra

vs

Alfred **GRECH**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-18 ta' Lulju, 1996, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-atturi talbu li din il-Qorti (a) ssib li l-imħarrek waħdu jaħti għall-ħsara li l-karozza tal-għamla *BMW 520i* reġistrata J-7898 ġarrbet waqt li huma kienu qegħdin jinqdew biha f'mawra fl-Italja f'Ġunju tal-1995, u għad-danni konsegwenzjali li huma ġarrbu minħabba f'hekk; (b) tillikwida d-danni mġarrbin

mill-atturi minħabba f'hekk, fis-somma ta' elf erba' mija u tletin lira Maltin (Lm 1430)[1] jew somma oħra verjuri, jekk meħtieġ billi taħtar perit biex jasal għal tali likwidazzjoni; u (ċ) tikkundnna lill-imħarrek biex iħallashom id-danni hekk likwidati.  Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrek fis-17 ta' April, 1997 li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari qal li ma hemm l-ebda rabta ġuridika bejnu u l-attriċi.  Fil-mertu, laqa' billi qal li l-karozza kienet inġabet għandu biex isirilha *service* bla ma ngħata struzzjonijiet speċifiċi u fejn kien intalab biss mis-sid biex jimla l-*airconditioner* tagħha u jirranġa xi dwal.  Jgħid li x-xogħol wettqu kif jitolbu s-sengħa u l-ħila u għalhekk m'huwiex responsabbli għad-danni li l-atturi jgħidu li ġarrbu u lanqas għall-ħlas ta' xi kumpens;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-20 ta' Ottubru, 1997[2], li bih ħatret lil Joseph Żammit bħala espert tekniku;

Rat ir-Relazzjoni tal-espert tekniku mressqa fit-22 ta' Ottubru, 2004[3], u minnu maħlufa kif imiss waqt is-smigħ tal-14 ta' Mejju, 2005;

Rat in-Nota ta' kritika mressqa mill-atturi fit-12 ta' Mejju, 2005[4];

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat tal-imħarrek;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

---

[1] Li jġibu € 3,331 fi flus tal-lum
[2] Paġ. 25 tal-proċess
[3] Paġġ. 69 sa  97 tal-proċess
[4] Paġġ. 201 – 3 tal-proċess

Illi din hija azzjoni għal danni dwar xogħol ta' tiswija fuq karozza li jingħad li ma sarx sewwa. L-attur, bħala s-sid ta' karozza, ħadha għand l-imħarrek biex idurhielu qabel ma jsiefer biha fl-Italja. L-atturi jgħidu li waqt li kienu fl-Italja, l-karozza kellha ħsara u daħlu f'nefqa kbira biex irranġawha u biex reġgħu niżżluha lura f'Malta. Billi l-imħarrek ma riedx jaċċetta li l-ħsara ġrat minħabba x-xogħol ħażin li kien għamel fuqha, l-atturi fetħu din il-kawża biex il-Qorti ssib li kien ħtija tiegħu li seħħ dak li ġara u biex jagħmel tajjeb għan-nefqa li kellhom jagħmlu minħabba fih;

Illi għal din l-azzjoni l-imħarrek laqa' billi qal li x-xogħol li għamel fuq il-karozza tal-attur kien għamlu sewwa, kien għamel dak li ntalab, u għalhekk ma kellux iwieġeb għall-ebda ħsara li l-karozza seta' ġralha meta kienet f'idejn l-atturi. Laqa' wkoll b'mod preliminari billi qal li bejnu u l-attriċi ma kien hemm l-ebda rabta ġuridika f'dil-ġrajja;

Illi l-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża juru li l-attur kien is-sid ta' karozza tal-għamla *BMW 520i* reġistrata J-7898. Il-vettura ilha fuq it-triq mill-1987 u nxtrat ġdida mill-attur[5];

Illi l-imħarrek imexxi stabiliment bl-isem ta' "*Fred's Motor Repairs*", fi Triq il-Kanun, Ħal Qormi, għat-tiswija ta' vetturi bl-għoti ta' bosta servizzi mfissra f'"*service menu*"[6]. F'xi żmien lejn l-aħħar tal-1994[7], l-attur kien ħa l-karozza għandu għal *service* għaliex kien tħajjar minħabba li l-imħarrek kellu tagħmir komputeriżżat[8]. F'Ġunju tal-1995, l-attur ħa l-vettura mill-ġdid għand l-istabiliment tal-imħarrek għal *service*. F'dak ix-xogħol, sar bdil ta' xi partijiet, bdil ta' żejt u *cooling fluid* u rranġar ta' dawl. Ix-xogħol (magħdud il-ħlas tax-xogħol ta' jdejh) kollu sewa Lm 72.58[9]. L-attur ħallas dak l-ammont;

Illi ftit jiem wara, f'Ġunju tal-1995, l-atturi telgħu għal btala fl-Italja bil-karozza. Hekk kif kien għoddhom niżlu mill-vapur fi Sqallija u bdew isuqu, l-karozza ġralha ħsara u

[5] Xhieda tiegħu 25.4.2000, f'paġ. 103 tal-proċess
[6] Dok "AG", f'paġ. 186 tal-proċess
[7] Xhieda ta' l-attriċi 26.4.2001, f'paġ. 114 tal-proċess
[8] Xhieda tal-attur 18.4.2002, f'paġ. 133 tal-proċess
[9] Dok "AG1", f'paġġ. 187 u 193 tal-proċess

waqfet taħdem. Il-ħsara kienet estensiva u dan seħħ minħabba l-qtugħ jew titjir tas-snien tat-*toothed belt* (magħrufa wkoll bħala t-"*timing belt*"). Ħadu l-karozza fi stabiliment f'Messina (awtorizzat mid-ditta BMW bħala stabiliment rakkomandat) u ngħataw stima tax-xogħol li kien meħtieġ fuq il-vettura[10]. Aċċettaw li jsir ix-xogħol. Ix-xogħol sar u, bejn bdil ta' partijiet u xogħol ta' jdejn, tela' għal ħames miljun, seba' mija u elfejn disa' mija u ħamsa u ħamsin liri Taljani (Lit. 5.702.955)[11] li dak iż-żmien kienu jsarrfu elf mitejn u ħamsa u sebgħin lira Maltija u sebgħa u ħamsin ċenteżmi (Lm 1227.57)[12]. Minbarra dan, weħlu wkoll mitejn u tlieta u għoxrin elf ħames mija u għoxrin lira Taljana (Lit. 223.520)[13] għall-parkeġġar, eżami tal-karozza u rmunkar tagħha minn fejn waqfet sal-istabiliment fejn kellhom isiru t-tiswijiet fuqha[14];

Illi l-atturi temmew il-btala tagħhom fl-Italja waqt li l-karozza kienet għadha tistenna li tissewwa. Ix-xogħol fuqha sar wara li niżlu lura Malta. Ix-xogħol sar lejn l-aħħar ta' Ġunju. L-attur ħallas fil-bidu ta' Lulju, 1995, permezz ta' *bank drafts* maħruġin minn bank lokali f'Malta[15]. L-attriċi reġgħet telgħet l-Italja u niżlet lura Malta bil-karozza[16]. F'Lulju tal-1996, interpellaw lill-imħarrek b'att ġudizzjarju biex jagħmel tajjeb għall-ħsara li ġratilha l-karozza u ftit jiem wara fetħu din il-kawża;

Illi l-<u>konsiderazzjonijiet ta' dritt</u> li jeħtieġ li jsiru għas-soluzzjoni tal-każ iduru mal-kwestjoni dwar jekk huwiex minnu li l-imħarrek naqas li jwettaq il-ħatra mogħtija lilu skond ma titlob is-sengħa tiegħu. Biex isir dan irid l-ewwel nett jintwera x'kien il-ftehim bejn il-partijiet meta ngħata l-appalt. Wara, irid jiġi mistħarreġ jekk l-imħarrek, bħala l-appaltatur, wettaqx dak li tqabbad jagħmel u jekk il-ħsara li ġrat lill-karozza tal-attur kinitx il-konsegwenza ta' xi nuqqas min-naħa tiegħu f'dak li tqabbad jagħmel;

10 Dok f'paġ. 192 tal-proċess
11 Dok f'paġġ. 189 sa 191 tal-proċess
12 Li jġibu € 2,859.47 fi flus tal-lum
13 Li, bl-istess rata fl-istess żmien, iġibu € 112.11 fi flus tal-lum
14 Dokti, f'paġġ. 194 – 6 tal-proċess
15 Dok f'paġ. 188 tal-proċess
16 Xhieda tagħha 26.4.2001, f'paġ. 117 tal-proċess

Illi dwar l-ewwel kweżit, jingħad minnufih li ma jidhirx li sar xi ftehim bil-miktub. Jidher li l-ħatra tal-imħarrek saret bil-fomm. Min-naħa l-oħra, m'huwiex meħtieġ *ad validitatem* li ftehim ta' appalt isir bil-miktub[17]. B'daqshekk, ma jfissirx li kieku sar ftehim miktub ma kienx ikun ta' għajnuna akbar għall-Qorti, minħabba li huwa b'qari ta' ftehim bħal dak li l-Qorti tkun tista' tapprezza sewwasew x'kienu ftehmu l-partijiet. Iżda, bħalma jiġri fil-prattika tal-ħajja f'dan l-għamla ta' appalt, il-klijent li jieħu karozza għand *mechanic* għal *service*, ġeneralment ma jindikax hu lil dan x'imissu jsir, iżda jafda fil-ħila teknika tal-*mechanic* biex "isir dak li hemm bżonn";

Illi għalhekk, il-fatt li ma jkunx sar ftehim ta' appalt bil-miktub ikun ifisser li l-eżekuzzjoni tal-ħatra tkun trid issir skond l-intenzjoni jew fehma tal-partijiet. F'każ bħal din hija ħaġa ċerta li l-appalt irid jitwettaq tajjeb kif jitolbu s-sengħa u l-ħila tal-appaltatur u żgur mhux kif ikun ifettillu l-appaltatur, jew li jsir xogħol b'nofs kedda jew ta' kafkaf[18];

Illi fil-każ tal-lum, l-attur jgħid li kien għamilha ċara lill-imħarrek li riedu jagħmel *service* fuq il-karozza tiegħu u għarrfu li ried isiefer biha[19]. Min-naħa tagħha, l-attriċi tgħid[20] li hi u l-attur ħadu l-karozza għand l-imħarrek biex jagħtiha "*service* sħiħ" u għal dan "ħallejna kollox f'idejh". Aktar 'il quddiem, fil-kontro-eżami tagħha[21], qalet li lill-imħarrek ma speċifikatlu xejn ħlief li kienu se' jsiefru biha u biex għalhekk jiċċekkja dak kollu li jkun hemm bżonn u jara jekk kienx hemm bżonn jinbidlu r-roti. Min-naħa tiegħu, l-imħarrek jiċħad li l-attriċi marret tkellmu meta ttieħdet il-karozza u filwaqt li jisħaq li kien biss l-attur li tkellem miegħu, jgħid li l-ftehim kien biex isir *service* ġenerali skond il-"menu" preskritt minn qabel bil-miktub, jaġġusta d-dwal ta' quddiem (u għal dan kien qabbad b'sub-appalt lil wieħed David Schembri mlaqqam "*il-bullybeef*")[22] u kif ukoll li jerġa' jorbot il-maqgħad (*seat*) tas-sewwieq li kien inqala' mill-*floor board*. Huwa jgħid li,

---

[17] App. Ċiv. **9.1.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Dalli et vs Mediterranean Film Studios Ltd.***
[18] P.A. TM **30.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Perit Frank Giordmaina Mediċi noe vs Pio Camilleri***
[19] Xhieda tiegħu 25.4.2000, f'paġ. 103 tal-proċess
[20] Xhieda tagħha 26.4.2001, f'paġ. 113 tal-proċess
[21] Xhieda tagħha 7.5.2002, f'paġ. 139 tal-proċess
[22] Xhieda tiegħu 2.12.2003, f'paġ. 174 tal-proċess

waqt li kien qiegħed jagħmel is-*service*, "iċċekkjajt dak kollu li għandu x'jaqsam mas-*service*"[23]. Ix-xogħol li fil-fatt sar fuq il-karozza tal-attur matul dak is-*service* huwa mfisser ċar biżżejjed fil-fattura li l-imħarrek ħareġ lill-attur u li l-attur ħallas erbat ijiem wara[24], meta ħa lura l-karozza mingħandu qabel ma siefru biha l-atturi;

Illi ma hemm l-ebda dubju li l-liġi trid li kull appaltatur iwettaq il-ħatra tiegħu skond l-ordni jew il-ftehim li jkun ingħata u li jagħmel dak ix-xogħol b'għaqal mistenni minn missier tajjeb tal-familja[25] liema grad ta' għaqal jissejjes fuq il-ħila professjonali tas-sengħa li jkun imħarreġ fiha. Dan isir bil-ħsieb li x-xogħol li jagħti lill-appaltant ikun ta' fejda għall-istess appaltant u meħlus minn nuqqasijiet li jistgħu joħorġu wara li jkun temm il-ħatra tiegħu;

Illi fil-każ tal-lum, il-perit tekniku maħtur mill-Qorti wasal għall-fehma li mill-fatti mressqa quddiemu, l-ħsara li ġrat lill-karozza tal-attur – marbuta mal-qtugħ tat-*timing belt* – kienet ħsara li l-imħarrek messu ra li kienet sejra tiġri meta kien qiegħed jagħmel is-*service* fuq l-istess karozza. Din il-fehma l-perit tekniku wasal għaliha meta, waqt il-ġbir tax-xhieda, l-imħarrek stqarr li l-istess *timing belt* kienet f'qagħda "passabbli" meta raha waqt li kien qiegħed idur il-karozza tal-attur. Għall-perit, in-nuqqas tal-imħarrek milli jibdel l-istess *timing belt* meta raha f'dik il-qagħda (u meta kien jaf li l-karozza kienet ser tittieħed barra minn Malta biex tinsaq fuq medda ta' distanza twila) kien nuqqas li jammonta għal xogħol ħażin u mhux skond is-sengħa tiegħu. Minn bniedem ta' dik is-sengħa wieħed jistenna mġiba differenti quddiem ċirkostanza bħal dik, u l-ebda manwal tal-manufattur ma jista' jintuża biex bniedem li jgħid li huwa tas-sengħa jista' jinħeba wara nuqqas bħal dak. Dan joħroġ aktar ċar meta wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-imħarrek kien jaf (u stqarr huwa nnifsu) li l-karozza kellha numru kbir ta' mili fuqha u meta kien diġa' ħadem fuqha mill-anqas darb'oħra ftit xhur qabel. Fil-qies meħud taċ-ċirkostanzi kollha, l-perit tekniku wasal biex jgħid li dak in-nuqqas kien wieħed serju u mhux mistenni

---

[23] Xhieda tiegħu 26.7.2002, f'paġ. 153 tal-proċess
[24] Dok "A", f'paġ. 5 tal-proċess
[25] Art. 1132(1) tal-Kap 16

minn persuna tal-ħila u s-sengħa li jippretendi l-imħarrek bi stabiliment li jiftaħar b'tagħmir sofistikat komputeriżżat;

Illi bi tħaddim tar-regoli legali f'dan il-qasam, jingħad li "l-obbligu li jagħti xogħol tajjeb kien jimponi fuqu l-obbligu li huwa jikkontrolla sew ix-xogħol li jkun qed jagħmel, jirrileva dawk il-fatturi li kapaċi 'l quddiem jikkompromettu l-opra tiegħu u, okkorrendo, jagħmel ix-xogħol rettifikatorju opportun"[26];

Illi dwar it-tieni rekwiżit jista' jingħad li l-azzjoni attriċi tinbena fuq ix-xilja tan-nuqqas ta' twettiq tal-appalt. Dan in-nuqqas joħroġ mill-fatt li x-xogħol sar ħażin u mhux għaliex ix-xogħol mogħti ma sarx. Huwa aċċettat li għal dak li għandu x'jaqsam man-nuqqas ta' twettiq ta' xogħol f'kuntratt ta' appalt, jitħaddmu r-regoli ġenerali tal-inadempiment kuntrattwali, salvi d-dispożizzjonijiet u ċ-ċirkostanzi partikolari li jgħoddu għall-kuntratt tal-appalt[27];

Illi huwa prinċipju aċċettat li n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni kuntrattwali ġġib fis-seħħ l-effetti "sekondarji" tal-istess obbligazzjoni – jiġifieri l-effett li min jonqos li jwettaq dak li ntrabat għalih irid jagħmel tajjeb għad-danni li tkun ġarrbet il-parti li magħha kien intrabat[28]. Dan iseħħ minbarra l-effett "primarju" li jista' jwassal għat-tħassir tal-obbligazzjoni jew tal-kuntratt li jkun;

Illi meta parti tkun intrabtet li twettaq xi ħaġa u ma ttemmhiex, il-parti l-oħra (jiġifieri, l-kreditur tal-obbligazzjoni) tista' tingħata s-setgħa li twettaqha hi bi spejjeż ta' min ikun naqasha (jiġifieri, d-debitur tal-obbligazzjoni)[29]. Kreditur ta' obligazzjoni li ħaddieħor ikun intrabat miegħu li jwettaq, u dan jonqos li jwettaqha, għandu l-għażla li jinsisti mad-debitur tal-obbligazzjoni li jwettaq dak li ntrabat li jagħmel[30]. Din ir-regola tgħodd ukoll f'kuntratt bħal dak tal-appalt, fejn appaltant li jagħżel li jħoll il-kuntratt minħabba l-inadempiment min-naħa tal-

---

[26] App. Inf **15.7.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Tal-Franċiż Construction Ltd. et vs Anġlu Żarb***
[27] P.A. PS **30.6.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Ignazia Degabriele vs George Calleja et***
[28] Art. 1125 tal-Kap 16
[29] Art. 1127 tal-Kap 16
[30] P.A. **13.12.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea vs Calleja*** (Kolez. Vol: **XXXVI.ii.578**)

kuntrattur, ma jġibx fuqu l-effetti tal-artikolu 1640(2) tal-Kodiċi Ċivili[31];

Illi huwa stabilit ukoll li meta n-nuqqasijiet fit-twettiq ta' ħatra ma jkunux sostanzjali, l-appaltatur ma jistax jitqies inadempjenti, imma jibqa' obbligat li jagħmel tajjeb in-nuqqas jew jaċċetta tnaqqis f'dak li jistħoqqlu jitħallas[32]. Imma fejn in-nuqqasijiet li joħorġu minn xogħol imwettaq f'appalt ikunu sostanzjali, mhux biss ma jistħoqq l-ebda ħlas lill-appaltatur (u jekk jitlob għall-ħlas ikun għamel dan intempestivament[33]), iżda lanqas ikollu jedd li jitlob li jitħalla jirranġa x-xogħol ħażin li jkun ta[34];

Illi dwar it-talba tal-atturi li l-imħarrek jitqies responsabbli għad-danni mġarrbin minnhom u li jagħmel tajjeb għal dawk id-danni, għandu jingħad li d-danni jistgħu jintalbu meta l-obbligazzjoni ma tkunx tista' iżjed titwettaq f'għamla speċifika[35]. Fil-każ tal-lum dan sar iżjed meħtieġ minħabba l-fatt li l-ħsara fil-karozza seħħet meta din kienet f'pajjiż ieħor u fejn ma kienx mistenni li l-atturi jibagħtu għall-imħarrek biex jagħmel tajjeb għan-nuqqasijiet li seta' kien hemm fix-xogħol li kien wettaq fil-ġimgħat ta' qabel;

Illi fejn jiġri li min kellu jwettaq obbligazzjoni jonqos li jwettaqha jew ma jagħmilhiex fil-ħin miftiehem, dan jista' jiġi wkoll ikkundannat jagħmel tajjeb għad-danni li jikkawża lill-kreditur tiegħu, ukoll jekk dan in-nuqqas iseħħ mingħajr mala fidi, sakemm id-debitur ma jseħħlux juri li n-nuqqas ta' twettiq tal-obbligazzjoni jew id-dewmien biex iwettaqha ġraw minħabba xi ħaġa barranija li huwa ma kellux setgħa fuqha[36], bħal fil-każ ta' forza maġġuri jew aċċident[37]. Huwa mogħti wkoll lill-persuna kreditriċi tal-obbligazzjoni li titlob it-tneħħija tal-ħaġa li saret bi ksur tal-obbligazzjoni u dan ukoll bi spejjeż ta' min suppost wettaqha[38];

---

[31] P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Terence Mirabelli vs James Schembri***
[32] P.A. MCC **9.4.1968** fil-kawża fl-ismijiet ***Anġlu Busuttil vs Pio Fedele et*** (mhix pubblikata)
[33] App. Ċiv. **9.1.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***George Spiteri noe vs Peter Paul Testaferrata Moroni Viani***
[34] P.A. JSP **5.10.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Tabone vs Felix Mifsud*** (mhix pubblikata)
[35] P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Bonaventura Camilleri vs John Cuschieri***
[36] Art. 1133 tal-Kap 16
[37] Art. 1134 tal-Kap 16
[38] Art. 1129 tal-Kap 16

Illi meta l-liġi titkellem dwar id-danni li għandhom jitqiesu f'każ ta' nuqqas ta' twettiq, hija tgħid li d-debitur irid jagħmel tajjeb kemm għat-telf, mibsur jew li sata' jinbasar fiż-żmien tal-obbligazzjoni[39], li jkun bata l-kreditur u kif ukoll għat-telf ta' qligħ li dan ikun ġarrab[40]. Imma, fil-każ ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni, irid jintwera mill-kreditur li d-danni li jkun ġarrab kienu l-effett dirett u immedjat tan-nuqqas tal-obbligazzjoni[41]. Id-danni huma dovuti meta l-obbligazzjoni ma tistax titwettaq aktar f'għamla speċifika, u mhux ukoll meta x-xogħol ħażin jista' jissewwa jew jitranġa[42];

Illi l-kriterju tal-ħlas tad-danni hawn fuq imsemmija jgħoddu wkoll, b'xi ftit aġġustament għall-kundizzjonijiet partikolari li tistabilixxi l-liġi, għall-kuntratt tal-appalt[43];

Illi minbarra dan, il-fatt li l-kommittent ikun ra x-xogħol u ma ntebahx li kien hemm xi nuqqasijiet jew li saħansitra li x-xogħol appaltat ma jkunx sar skond ma titlob is-sengħa, ma jeħlisx lill-appaltatur mir-responsabbilta' tiegħu li jagħmel tajjeb għall-ħsara li l-appaltant ikun ġarrab minħabba tali nuqqas. Approvazzjoni magħmula mill-kommittent f'ċirkostanza bħal din ma sservi xejn biex taqla' lill-appaltatur mir-rabta li jagħmel tajjeb għal tali ħsara[44] u dan jgħodd ukoll fejn ix-xogħol appaltat ikun tħallas[45];

Illi fil-każ preżenti, u wara li saru l-kostatazzjonijiet ta' fatt u ta' dritt li jinteressaw il-każ, il-Qorti tasal għall-fehma li l-appalt twettaq ħażin u li n-nuqqasijiet f'tali twettiq kienu serji u essenzjali. Jirriżulta wkoll li kienu nuqqasijiet li kienu l-kawża prossima għall-ħsara li ġratilha l-karozza tal-atturi;

---

[39] Art. 1136 tal-Kap 16
[40] Art. 1135 tal-Kap 16
[41] Art. 1137 tal-Kap 16
[42] Kumm. **13.2.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Petroni vs Petroni et*** (Kollez. Vol: **XXXVI.iii.629**)
[43] Art. 1640 tal-Kap 16 u ara wkoll P.A. PS **23.4.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Dalli et vs Mediterranean Film Studios Ltd.***
[44] P.A. TM **3.7.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet Pubbliċi vs Charles Azzopardi***
[45] P.A. **8.2.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Żarb vs Aġius*** (Kollez. Vol: **XLI.ii.892**)

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ssib li l-ewwel talba hija mistħoqqa u sejra tilqagħha;

Illi l-effett ta' dan hu li l-imħarrek irid jagħmel tajjeb għall-ħsarat li ġarrbu l-atturi. Għalhekk il-Qorti sejra tgħaddi biex tillikwida d-danni li jistħoqqilhom jirċievu l-atturi jew min minnhom. Fil-każ tal-lum, l-atturi talbu l-kumpens ta' somma speċifikata "jew ammont verjuri";

Illi huwa magħruf li ladarba wieħed qiegħed jitkellem dwar danni kuntrattwali – mnisslin mit-twettiq ħażin tal-appalt mogħti lill-imħarrek – dawn iridu jqiegħdu lill-atturi kemm jista' jkun fil-qagħda li kienu jkunu fiha li kieku l-ħsara mnissla mill-għamil jew l-omissjoni tal-imħarrek ma ġratx. Dan jingħad għaliex tali danni għandhom "funzjoni riparatriċi" (u dan joħroġ ċar ukoll fid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1640 tal-Kodiċi Ċivili b'riferenza għall-kuntratt tal-appalt). B'dan il-mod, dawn id-danni ma jmisshomx iservu biex jikkastigaw jew jissanzjonaw l-għamil dannuż u lanqas ma jmisshom iservu ta' okkażjoni biex l-imġarrab jistagħna bla mistħoqq bi ħsara tal-kontraent inadempjenti[46];

Illi, fil-każ tal-lum, l-atturi dehrilhom li kellhom iressqu kritika għas-sejbiet u l-fehmiet tal-perit tekniku maħtur mill-Qorti. Dan għamluh f'Nota ta' Kritika wara li nfetaħ ir-Rapport. Fil-qofol tagħhom, huma jikkontestaw lill-imsemmi perit sewwasew dwar l-ammont ta' danni li jistħoqqilhom jippretendu mingħand l-imħarrek. F'din il-kritika tagħhom, huma jixlu lill-perit tekniku b'fehmiet kontradittorji għaliex jgħidu li, filwaqt li l-istess perit sab li l-imħarrek naqas li jagħmel xogħlu sewwa, ma deherlux li l-imħarrek kellu jagħmel tajjeb għan-nefqa kollha li kellhom jagħmlu biex tissewwa l-karozza;

Illi fil-fatt, il-perit tekniku wasal għall-fehma li, filwaqt li jista' jkun minnu li t-tiswijiet kollha li saru fl-istabiliment ta' Messina kienu tassew saru, mhux it-tiswijiet kollha kienu r-riżultat tar-raġuni li minħabba fiha l-karozza waqfet

[46] App. Kumm. **15.12.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja noe vs Mamo pro et noe*** (Kollez. Vol: **XXXIV.i.367**)

taħdem, liema raġuni, bħalma rajna, kienet imnissla min-nuqqas ta' twettiq kif imiss tal-appalt mogħti lill-imħarrek;

Illi l-istess perit tekniku fela l-fatturi li l-istabiliment ta' Messina bagħat lill-attur wara t-tiswijiet u qies li dawk ix-xogħlijiet kienu ta' tliet suriet. L-ewwel "kategorija" (indikata bis-sinjal "**o**") kienet ta' *parts* jew ta' xogħol "li ma jkunux neċessarjament indispensabbli li jinbidlu f'każ ta' qtugħ tat-*toothed belt*"[47]. It-tieni "kategorija" (indikata fis-sinjal "**#**") huma dawk il-partijiet li l-bdil tagħhom kien neċessarjament involuti fil-ħsarat riskontrati[48]. It-tielet "kategorija" (li indika bis-sinjal "**x**") li huma "partijiet li nbidlu u li dwarhom ma jidher li hemm l-ebda ġustifikazzjoni teknika għall-bdil tagħhom"[49]. Huwa iddikjara[50] li "hija prassi korretta u skond is-sengħa li dak kollu li jidher li huwa bil-ħsara jew b'*wear and tear* li jew wasal jew daqt jasal biex jinbidel, dan għandu jinbidel f'dan il-ftuħ tal-magna sabiex jiġu evitati spejjeż u inkonvenjenti ulterjuri". Dawn id-distinzjonijiet niżżilhom fi prospett mehmuż mar-Relazzjoni tiegħu[51]. Dwar l-ewwel 'kategorija' huwa qal li din "hija kwestjoni ta' min għandu jiġġudika jekk l-ammont relattiv għal dawn it-tiswijiet għandux ikun a kariku ta' parti waħda jew b'xi mod ikun diviż bejniethom"[52];

Illi l-konklużjoni milħuqa mill-perit tekniku fir-Rapport imressaq minnu jikkostitwixxi determinazzjoni ta' fatt li din il-Qorti sejra toqgħod fuqu għaliex, għalkemm *dictum expertorum numquam transit in rem judicatam*, il-konklużjonijiet ta' perit tekniku jikkostitwixxu prova u mhux sempliċi opinjoni jew suspett. Tali fehmiet għandhom is-saħħa ta' prova bħal kull prova oħra ammissibbli fil-liġi, u jibqgħu jgawdu din il-kwalita' sakemm ma jiġux kontestati, jew permezz ta' provi oħrajn kuntrarji għalihom jew inkella b'sottomissjonijiet serji u tajbin biżżejjed li juruhom bħala fehmiet inattendibbli u li ma jitwemmnux[53]. Għalkemm il-Qorti m'hijiex marbuta li toqgħod għal fehmiet ta' perit

---

[47] § 13 tar-Relazzjoni, f'paġ. 92 tal-proċess
[48] § 16 tar-Relazzjoni, f'paġ. 93 tal-proċess
[49] § 17 tar-Relazzjoni, f'paġ. 92 tal-proċess
[50] § 15 tar-Relazzjoni, f'paġ. 93 tal-proċess
[51] Dok "JZ", f'paġġ. 197 – 9 tal-proċess
[52] § 20 tar-Relazzjoni, f'paġ. 95 tal-proċess
[53] App. Ċiv. **9.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Benjamin Camilleri vs Carmel Debattista et***

minnha maħtur kontra l-konvinzjoni tagħha nnifisha[54], madankollu l-*giudizio dell'arte* ma jistax u m'għandux jitwarrab faċilment[55], sakemm ma jkunx jidher b'mod ċar li l-fehmiet u konklużjonijiet tal-perit huma irraġonevoli[56];

Illi tali prinċipji għandhom iżjed jitħarsu meta ma jinġiebu 'l quddiem l-ebda raġunijiet tajbin illi jqegħdu f'dubju dawk il-fehmiet ta' bixra teknika, jew fejn saħansitra dawk il-fehmiet jibqgħu konvinċenti wkoll wara li jkunu ntgħarblu f'xi eskussjoni serrata tal-istess perit tekniku[57];

Illi ngħad b'awtorita' li tkun prużunzjoni min-naħa ta' Qorti li, f'ċirkostanzi bħal dawn, twarrab minn quddiemha u bla raġuni tajba il-fehma milħuqa f'relazzjoni teknika: u dan għaliex, f'qasam tekniku jew speċjalizzat, il-ġudikant ma jkollux dak l-għarfien tas-suġġett jew ħila prattika biex minn rajh jasal għal fehma li ma tkunx gwidata minn fehma teknika ta' espert fil-qasam[58];

Illi l-Qorti tagħraf li fil-każ tal-lum, il-perit tekniku ma kienx f'qagħda li jara l-partijiet tal-karozza li nqalgħu u nbidlu, la fis-*service* li kien għamel l-imħarrek u lanqas fit-tiswijiet li saru fl-istabiliment f'Messina. L-imħarrek innifsu[59] jgħid li hu u wieħed Paul Beżżina[60] telgħu Messina xi sena wara u għalkemm seħħilhom isibu l-post fejn saru t-tiswijiet, il-partijiet kienu ilhom li ntbagħtu għar-riċiklaġġ. Lill-perit tekniku lanqas ingħata l-benefiċċju li jeżamina l-karozza, minkejja li nġabet lura f'Malta u minkejja li l-attriċi tgħid li kienet xtratha hi mingħand l-attur f'xi żmien wara li reġgħet inġabet lura f'Malta. Il-Qorti tqis li kieku l-atturi qdew imqar din il-ħtieġa bażilari, kieku jista' jkun hemm xi ftit saħħa fil-kritika tagħhom għas-sejbiet tal-perit. Lanqas ma dehrilhom li kellhom iressquh b'xhud tagħhom f'eskussjoni;

Illi dwar il-kwestjoni tan-nefqa li għamlu l-atturi dwar il-partijiet li irriżultaw mherrijin **wara** li nfetħet il-magna –

---

54 Art. 681 tal-Kap 12
55 App. Ċiv. **28.1.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Saliba vs Joseph Farruġia***
56 App. Ċiv. **23.6.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Buġeja et vs Muscat et*** (Kollez. Vol: **LI.i.389**)
57 P.A. PS **28.5.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Mallia noe vs Martin Mizzi et***
58 App. Ċiv. **9.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Benjamin Camilleri noe vs Charles Debattista et noe***
59 Xhieda tiegħu 31.10.2003, f'paġ. 169 tal-proċess
60 Xhieda tiegħu 16.3.2004, f'paġġ. 180 – 1 tal-proċess

liema partijiet jikkostitwixxu l-biċċa l-kbira tan-nefqa – din il-Qorti hija tal-fehma li għal din m'għandux iwieġeb l-imħarrek. Dan qiegħed jingħad għal għadd ta' raġunijiet. Fl-ewwel lok, u fid-dawl tal-prinċipji ta' dritt li ssemmew qabel dwar ir-responsabbilta' tal-appaltatur, il-ħatra li ngħata mill-attur kienet dik li jagħmel *service* lill-karozza tal-attur. Dan l-appalt kien jimplika għaqal jew diliġenza li wieħed jistenna minn missier tajjeb tal-familja u għalhekk l-imħarrek ma jistax jitgħabba b'responsabbilta' li messu wera għaqal fi grad ogħla, ladarba l-liġi ma tgħidx hekk b'xi dispożizzjoni espressa[61]. Fit-tieni lok, il-perit tekniku mkien ma qal li dawk il-partijiet li nbidlu minħabba *wear and tear* kienu partijiet li l-imħarrek messu ra meta kien qiegħed jagħmel is-*service* fuq il-karozza. Fit-tielet lok, meta wieħed jara x'servizzi kienu msemmija bil-miktub fil-"menu"[62] dwar "*service komplut*" imkien ma jsib li l-imħarrek messu fetaħ is-*cylinder head* u lanqas il-perit tekniku ma semma li dan messu sar f'*service* bħal dak. Fir-raba' lok, meta wieħed jieħu karozza għas-*service*, wieħed jistenna li dak li jsir huwa xogħol ta' kontroll (x'aktarx viżwali) ta' wħud mis-sistemi tal-karozza u aġġustar jew *topping* ta' fluwidi u lubrifikanti fi bnadi mferrxa tagħha, u mhux ukoll li jsiru tiswijiet radikali li, normalment, wieħed jieħu ħin twil u eżami aktar b'reqqa biex iwettaqhom. Fil-ħames lok, li kieku l-imħarrek kien tassew mistenni li, qabel mal-atturi jsiefru fl-Italja, jagħmel ix-xogħol kollu li sar fuq il-karozza sakemm din kienet miżmuma f'Messina, jidher li sa dak inhar li l-atturi kienu se' jsiefru x-xogħol ma kienx ikun lest u mhux ħaġa kbira li kienu jilħqu jiġu lura Malta u x-xogħol ikun għadu għaddej, jekk wieħed ikejjel bl-istess xiber ta' kemm dam ma ntemm ix-xogħol fuqha fl-istabiliment ta' Messina. Fis-sitt lok, jirriżulta li n-nefqa tal-partijiet li kienu therrew jew ittieklu ma kenitx l-effett dirett tal-ħsara miġjuba bil-qtugħ tat-*timing belt*, u kienet nefqa li l-atturi kien ikollhom jagħmlu xorta waħda wara ftit taż-żmien, ukoll kieku l-karozza ma ġralhiex ħsara meta kienu biha barra l-pajjiż;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti m'hijiex sejra tgħabbi lill-imħarrek bin-nefqa ta' dawk ix-xoglijiet jew partijiet li l-perit

[61] Art. 1032(2) tal-Kap 16
[62] Dok "AG", f'paġ. 186 tal-proċess

tekniku qies li ma kellhom l-ebda rabta mal-ħsara (“x”) jew dawk li nbidlu minħabba *wear and tear* u li ma kinux l-effett dirett tan-nuqqasijiet tal-imħarrek fl-appalt mogħti lilu (“o”). Min-naħa l-oħra, sejra tilqa’ f’parti *pro rata*[63] t-talba tal-atturi safejn din tirrigwarda x-xogħol magħmul fuq il-karozza (“<>”), safejn il-partijiet mibdula kienu l-effett dirett tax-xogħol li l-imħarrek messu wettaq (“#”), u wkoll fejn l-atturi daħlu f’nefqa biex irmonkaw il-karozza u biex żammewha *parked* fl-istabiliment sakemm issewwiet. Dawn il-partiti kollha jammontaw (bl-ekwivalenti tagħhom f’euro), rispettivament għal (i) *pro rata* għas-somma sħiħa ta’ Lit 1.084.000 (€ 543.50), jiġifieri € 373.78; (ii) Lit 836.555 (€ 420.13); (iii) Lit 223.520 (€ 112.09). B’hekk is-somma sħiħa ta’ danni li ġarrab l-attur u li jrid jagħmel tajjeb għaliha l-imħarrek hija likwidata fl-ammont ta’ disa’ mija u sitt euro (€ 906);

Illi jifdal fl-aħħarnett li l-Qorti tqis u tistħarreġ **l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-imħarrek.** Din trid li l-attriċi m’hijiex il-kontradittriċi leġittima tal-imħarrek għaliex bejnha u bejnu m’hemm l-ebda rabta ġuridika;

Illi l-Qorti tinnota li l-appalt kien jirrigwarda l-karozza li kienet f’isem l-attur. Il-ħsara reklamata mill-atturi kienet sewwasew u esklussivament dik li ġarrbet il-karozza. L-attriċi nnifisha xehdet[64] li l-karozza xtratha mingħand l-attur wara li kien seħħ l-inċident tal-ħsara u wara li l-attur kiseb karozza oħra. L-attriċi baqgħet ma ressqet l-ebda prova tat-trasferiment li sar favur tagħha u, f’kull każ, ma jidhirx li kien ikun ta’ fejda għaliex l-azzjoni tal-lum hija waħda ta’ inadempiment kuntrattwali u d-danni riżultanti u l-appalt kien jirrigwarda biss lil sid il-karozza (fiż-żmien li nħalqet ir-rabta kuntrattwali) u lill-imħarrek bħala appaltatur. Ma ngħatat l-ebda raġuni tajba li turi li l-attriċi għandha xi interess ġuridiku fil-pretensjonijiet attriċi. L-eċċezzjoni hija għalhekk tajba u jmissha tintlaqa’;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi l-kawża billi:

---

[63] Ara § 22 tar-Relazzjoni peritali, f’paġ. 96 tal-proċess
[64] Paġ. 139 tal-proċess

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-imħarrek, u teħilsu milli joqgħod fil-ġudizzju fil-konfront tal-attriċi bl-ispejjeż kontra l-attriċi;

**Tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet** tal-imħarrek u **tilqa' l-ewwel talba attriċi** billi ssib li l-imħarrek jaħti għal ħsara li ġarrbet il-karozza tal-għamla *BMW 520i* reġistrata J-7898 wara li l-istess karozza kienet ittieħdet għandu għal *service* qabel ma l-atturi marru biha barra minn Malta;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tillikwida d-danni mġarrba mill-attur direttament bi ħtija tal-imħarrek fis-somma ta' disa' mija u sitt euro (€ 906);

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrek iħallas lill-attur is-somma ta' disa' mija u sitt euro (€ 906) hekk likwidati, flimkien mal-imgħax legali fuq l-istess somma b'seħħ mil-lum sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tordna** li, salv għal dak li jissemma qabel dwar l-ispejjeż li trid tbati l-attriċi u bi tħaddim tal-artikolu 223(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-**ispejjeż tal-kawża** jinqasmu ndaqs bejn l-attur u l-imħarrek.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------